

Brussell, 9 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5082/26
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0289 (COD)

CODEC 12
COH 3

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lil Stati Membri skont ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
= Dikjarazzjoni

Il-Bulgarija talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

F'konformità mal-qafas legali applikabbli li jirregola r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, il-Bulgarija ppreżentat kif xieraq talba għal pagament għal nefqiet ivverifikati li jammontaw għal EUR 882 158.92, imġarrba qabel it-30 ta' Settembru 2024, li għadha ma ġietx rimborżata mill-Kummissjoni Ewropea.

F'dan il-kuntest il-Bulgarija tqis li l-ammont imsemmi hawn fuq ma għandux jiġi affettwat mill-Proposta għal **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lil Stati Membri taħt ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit" [2025/0289 (COD)].